MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2005

Numru 336/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**VS**

**MARIO WEST**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mario West ta' 43 sena, imwieled tal-Pieta' nhar it-18 ta' Awissu, 1961, bin Edward u Dolores nee' Camilleri, residenti fil-fond numru 6, Ciantar Alley, Ta' Giorni, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 540561 (M) ;

Akkuzat talli nhar is-17 ta' Marzu, 2005, ghall-habta ta' 23.15hrs ta' fil-ghaxija, gewwa Manoel Island, Gzira u gewwa dawn il-Gzejjer, wettaq attentat vjolenti ghall-pudur ta' Catarina Wyss, li fih innifsu ma jikkostitwixxix wiehed

mid-delitti kkunsmati jew attentat, u dan *ai termini* tal-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali ta' Catarina Wyss, b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew lok espost ghall-pubbliku u dan *ai termini* tal-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 207 u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel akkuza u tilliberah minnha, izda ssibu hati tat-tieni akkuza. *In vista* tac-cirkostanzi, bhala piena tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------